MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

[Nhar L-Erbgħa 31 ta' Lulju 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jessica Borg – Kunsilliera

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsilliera Jessica Borg mhix se tattendi minħabba li kella impenji oħra. Kienet skuzata mis-Sindku u mis-Segretarju biex tkun tista tattendi għall-appuntament tagħha.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.2.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-laqgħa Nos 2. Il-kunsillier Jeremy Cardona ssekondaħ.

## 2.3 Korrespondenza mas-Sindku

2.3.1 LESA: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħala Kunsill għandna €8,336 allokati grazzi għall-fondi mill-LESA. Sal-laqgħa li jmiss il-kunsilliera għandom jiġu bl-ideat tagħhom.

2.3.2 Vending Machines: Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar talba li waslet biex jitwaħħlu vending machines fil-Public Convenience li hemm max-Xatt. Il-kunsillier Shaun Farrugia ppropona li l-persuna tagħmel kamera barra l-latrini bħala kumpens. Is-Sindku ssekonda l-proposta. Il-Kunsill qabel illi dan jingħata permess biex iħalli vending machines.

2.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba mingħand il-kuntrattur li jiġbor l-iskart biex jibda jiġbor mis-6pm. Is-Sindku ppropona li naċċettaw it-talba. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekondah. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li avolja ttieħed deċiżjoni mill-Kunsill, din it-talba issa trid tiġi aċċettata minn naħa tal-Ministeru u toħroġ Legal Notice biex tinbiddel il-ħin tal-ġbir tal-iskart ħalli niġbru l-ħin skond il-liġi. Qal ukoll illi din tista ddum, waqt illi wara għandna nagħtu perjodu ta' ħin biex il-messaġġ tasal għand ir-residenti.

2.3.4 Website: Is-Sindku nforma dwar laqgħa li saret ma' kuntrattur li lest jammalgama App fuq mobajl ma' website ġdida tal-Kunsill. Ippropona li dan jiġi jispjega kollox waqt laqgħa tal-Kunsill.

2.3.5 MasterPlan: Is-Sindku qal illi bdew taħdidiet biex tinbiddel, u titjieb, it-traffic management fil-lokalita.

2.3.6 Pompa tal-Petrol: Is-Sindku qal illi hemm applikazzjoni biex il-pompa tal-petrol isir f'parti tal-ġnien u tittieħed parti kbira tal-ġnien. Qal illi xtaq jappella l-applikazzjoni izda li lest jagħmel hekk biss bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-kunsillier Jeremy Cardona ppropona li mmexxu u ġie ssekondat mill-kunsillier Hugh Caruana.

**Il-Viċi Sindku daħal fis-6.05pm**

2.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva emajl mingħand il-kunsilliera Jessica Borg peress illi ma setgħetx tkun preżenti, fejn talbet li ssir area fejn il-klieb jitħallew jiġru mingħajr ċinga. Is-Sindku qal illi għandna nikkonsidrawha meta nippjanaw ix-xogħolijiet fil-ġnien fix-xahar ta' Settembru

## 2.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

2.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 2.5 Rapporti

2.5.1 **Dekasteri**: Is-Sindku qal illi ltaqa ma' kulħadd biex jieħu idea ta' min jista jkun ta' għajnuna għad-dekasteri rispettitivi. Fakkar illi hemm bzonn 'team-work' u li bil-liġi kull kunsillier għandu jerfa r-responsibilita ta' waħda, jew izjed, mid-dekasteri. Ressaq għall-approvazzjoni il-lista ta' dekasteri wara li kien kellem ma' kulħadd. Dawn kienu:

Conrad Borg Manche: Innovazzjoni, proġetti, anzjani, ħarsien t'annimali, infrastruttura
Ralph Mangion: Ambjent
Neville Chetcuti: Indafa
Alexander Zammit: Qasam Soċjali u Integrazzjoni Soċjali
Ian Buhagiar: Sports
Jeremy Cardona: Edukazzjoni
Shaun Farrugia: Zgħazagħ
Hugh Caruana: Komunitajiet
Jessica Borg: Kultura

Is-Sindku talab għall-qbil tal-lista minn dawk preżenti wara li kienu tkellmu miegħu. Il-Kunsill qabel unaniment.

Is-Sindku qal ukoll illi fil-fehma tiegħu l-lokalita għanda tinqassam f'disgħa żoni fejn kull kunsillier jieħu żona u jagħmlu kuntatt kontinwu man-nies. Qal illi l-ħsieb tiegħu kien biex nibagħtu lin-nies biex jiġħu hawn u jsiru laqgħat magħhom.

2.5.2 **Solar Window Films**: Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta tlett stimi għal Window Films fejn l-irħas waħda kella wkoll l-aqwa specs. Il-kunsillier Hugh Caruana ppropona li naċċettaw l-irħas waħda. Il-kunsillier Shaun Farrugia ssekondah.

2.5.3 **Management Letter**: Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta d-'Draft' Management Letter. Ta spjegazzjoni kif se tintbagħat ir-risposta. Wara diskussjoni l-kunsillier Alexander Zammit ippropona li naċċettaw il-Management Letter u t-tweġibiet. Is-Sindku ssekondah.

**Il-kunsillier Shaun Farrugia telaq fis-6.45pm**

## 2.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

2.6.1 Il-kunsillier Ian Buhagiar staqsa jekk possibli ssir forma ta' I.D għall-kunsilliera biex meta jmorru jitkellmu man-nies, jew kuntratturi, jekk jaraw xi ħaġa ħazina, ikunu jafu minn huma. Is-Sindku ssekonda l-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lil kunsilliera li dejjem għandom jimxu skond il-kodiċi t'etika iirespitivament jekk ikun hemm dawn it-tags jew le.

2.6.2 Il-kunsillier Alexander Zammit spjega kif bħal kull sena hemm il-ħsieb illi ssir attivita għat-tfal tal-iskola. Is-Sindku ssekondah u qal illi din ta' kull sena tkun ta' suċċess.

2.6.3 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa dwar il-possibilta li jsiru izjed bins fil-qalba tal-lokalita. Il-Kunsill għandu jara fejn jistaw jitpoġġew mingħajr ma nagħlqu aċċess għan-nies.

## 2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.7.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona ppropona li niffirmaw l-iskeda tal-pagamenti. Il-kunsillier Hugh Caruana ssekondah.

## 2.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Awwissu 2019 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Tlieta 27 t' Awwissu 2019.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |